MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1478/2005

**Joe Ciscaldi ghan-nom u in rapprezentanza ta` Butterfly Garage**

**vs**

**H.P. Cole Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab lis-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` erba` mija u sitt liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm406.25c) u dan billi bejn it-3 ta` Lulju 2003 u t-8 ta` Lulju 2003 u mit-8 ta` Awissu 2003 sal-11 ta` Awissu 2003 il-konvenut kera zewg vetturi tal-ghamla Mercedez Benz u Daewoo. Illi fil-11 ta` Awissu 2003 il-vettura tal-ghamla Daewoo sofriet danni waqt li kienet lilu mikrija. Illi b' rizultat ta` dan saret il-*claim* fejn l-*excess* ta` mija u

ghoxrin lira Maltin (Lm120) ma thallset qatt mill-konvenut ghalhekk gew subiti mill-attur.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezenta l-ebda risposta.

Sema` x-xhieda ta` P.L. Joeline Pace Ciscaldi, Kenneth Cole u Joseph Ciscaldi.

Ra n-nota pprezentata mill-konvenut fil-11 ta` April 2006 li biha qajjem eccezzjoni li l-azzjoni hija preskritta skond l-Artikolu 2148 (f) tal-Kodici Civili.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Kenneth Cole ghas-socjeta' konvenuta kera karozza Mercedez minghand l-attur bejn it-3 ta` Lulju 2003 u t-8 ta` Lulju 2003. Kenneth Cole jammetti li ma hallasx ghal din il-kirja ghaliex jikkontendi li suppost l-attur baghatlu Mercedez E-Class u minflok baghatlu Mercedez 190.

Dwar dan il-punt, Joe Ciscaldi xehed illi huwa qatt ma kellu Mercedez E-Class ghall-kiri u l-unika Mercedez li kellu kienet Mercedez 190 u li fil-fatt kien hemm okkazjonijiet precedenti meta din inkriet lis-socjeta` konvenuta. Jirrizulta pruvat illi minkejja l-fatt li giet provduta din il-Mercedez 190, il-konvenut zammha u wzha u ma rrifjutahiex.

Kenneth Cole qal illi l-Mercedez li kellu ma kinietx tal-valur li kien qed jitlob ghaliha l-attur izda ma tahiex lura ghax kienet l-unika karozza li kellhu. Huwa wkoll ikkonferma li huwa personalment ma lmentax mal-attur.

Fid-dawl tal-premess, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-verzjoni moghtija mill-attur hija aktar vero simili u li fil-fatt jirrizulta illi l-konvenut kera l-karozza in kwistjoni, kien jaf x' karozza kien ser jikri, zammha u gawdiha u jirrizulta wkoll illi fil-fatt ma hallasx talli kera din il-karozza. Il-konvenut m'huwiex qed jghid li ma jrid ihallas xejn, izda

qed jippretendi li m'ghandux ihallas ir-rata ta` erbghin lira Maltin (Lm40) kuljum kif qed jigi mitlub mill-attur.

F'dan ir-rigward, il-konvenut ressaq eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148 (f) tal-Kodici Civili li jirrigwarda l-preskrizzjoni applikabbli ghall-kiri ta` oggetti mobbli li jiddekorru versu t-terminu ta` tmintax-il xahar.

It-Tribunal ittenni illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' din l-kirja ghandha tigi respinta u dan billi l-konvenut bi kliemu xehed illi l-kontestazzjoni tieghu hija li qed ittenni li ghandu jhallas xi ammont pero li l-ammont mitlub huwa esagerat u din id-dikjarazzjoni m'hijiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi fiha nnifisha tirrikonoxxi ammissjoni ta` debitu.

It-tieni parti tat-talba tikkoncerna l-kiri tal-karozza Daewoo bejn it-8 ta` Awissu u l-11 ta` Awissu 2003, kemm fir-rigward tal-kiri kif ukoll fir-rigward tal-hsarat. F'dan ir-rigward l-attur qed jitlob kumpens ta` tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75c) kuljum. Jirrizulta illi fil-fatt il-konvenut zamm il-karozza ghall-perjodu indikat mill-attur izda jirrizulta wkoll illi qabel il-11 ta` Awissu, il-konvenut kien cempel lill-attur u nfurmah illi m'ghadx kellu bzonn il-karozza u l-attur kien qallu biex izomm l-istess karozza izda ma jhallasx ghaz-zmien extra u dan billi l-konvenut kien cempel is-Sibt wara nofsinhar u ghalhekk bejn is-Sibt wara nofsinhar u t-Tnejn filghodu l-konvenut seta` jzomm il-karozza minghajr ma jhallas ghall-kirja.

It-Tribunal jidhirlu illi f'dan ir-rigward l-ammont li huwa proprjament dovut huwa dak li jikkoncerna l-Gimgha u s-Sibt, jigifieri jumejn, li b'rata ta` tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75c), jgib is-somma komplessiva ta` sebgha u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm57.50c) u ghalhekk ghandu jkun hemm tnaqqis mit-talba attrici.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq din l-parti tat-talba, din ukoll qed tigi respinta billi l-konvenut qieghed

jammetti li ghandu jhallas dan l-ammont tant li kien anke offra pagament.

Il-kwistjoni li jifdal hija dwar id-danni subiti fil-vettura.

Jirrizulta illi f' Awissu 2003, meta l-vettura kienet f' idejn il-konvenut, din gralha l-hsara u b'rizultat ta` dan sar *claim* mal-*insurance* u l-*insurance* hallset id-danni, izda s-socjeta` attrici kellha taghmel tajjeb ghall-*excess* ta` mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) billi l-konvenut ma hallasx l-*excess*. Jirrizulta illi d-danni graw waqt li l-vettura kienet fil-pussess u kustodja tal-konvenut, liema konvenut kien obbligat li jirritorna l-vettura fi stat tajjeb. Jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-konvenut kien assigurat ghall-perjodu li l-vettura kienet ghandu u t-Tribunal huwa wkoll konvint illi fil-fatt sar *claim* u li ghalkemm il-konvenut kellhu jhallas l-*excess*, huwa naqas milli jaghmel dan il-hlas. Fil-fatt kien l-istess konvenut li ffirma l-*claim form*.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt li anke l-*excess* huwa dovut mill-istess konvenut. L-Artikolu tal-preskrizzjoni fuq citat ma japplikax ghal din il-parti tat-talba u ghalhekk qed tigi respinta.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha, fis-sens illi l-konvenut ghandu jhallas mitejn lira Maltin (Lm200) ghall-kirja bejn it-3 ta` Lulju 2003 u t-8 ta` Lulju 2003, sebgha u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm57.50c) ghall-kirja bejn it-8 ta` Awissu 2003 u l-11 ta` Awissu 2003 u mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) *excess*, li komplessivament igibu s-somma ta` tlett mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm377.50c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` tlett mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm377.50c) flimkien mal-ispejjez ta` din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------